MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 866/2010

**Lino Attard magħruf bħala Attard Biancardi u martu Joan Attard magħrufa bħala Attard Biancardi, Mark Anthony Attard magħruf bħala Attard Biancardi u martu Pamela Attard magħrufa bħala Attard Biancardi, Jean Paul Attard magħruf bħala Attard Biancardi u Lorna Attard magħrufa bħala Attard Biancardi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-31 ta' Awissu 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-esponenti Lino Attard magħruf bħala Attard Biancardi twieled fis-sbatax (17) ta’ Diċembru 1953 minn John Attard u martu Antonia, xebba Biancardi;

2. Illi l-esponenti kien konsistentement magħruf b’kunjom xbubit ommu miżjud mal-kunjom patern. Madankollu, fl-att ta’ twelid tiegħu li jġorr in-numru 76/1954, il-kunjom ta’ dan l-esponenti ġie ndikat bħala ‘Attard’ biss;

3. Illi bħala fatt, l-atturi lkoll kienu u huma konsistentement magħrufin, kemm minn familjari u kemm mis-soċjeta’ tagħna, bil-kunjom ‘Attard Biancardi’, u dan jiswa għalihom kemm bis-saħħa ta’ twelid u kemm bis-saħħa ta’ żwieġ lil min kien hekk konsistentement magħruf;

4. Illi għalhekk huwa opportun illi ssir annotazzjoni fl-atti tal-anagrafu sabiex din ir-realta’ tiġi riflessa hemmhekk;

5. Illi l-annotazzjonijiet mitluba huma wkoll meħtieġa a skans ta’ kull ekwivoku li jista’ jkun preġudizzjevoli għall-esponenti fil-ħajja soċjali tagħhom.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-esponenti kienu u huma konsistentement magħrufin bil-kunjom “Attard Biancardi”;

2. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att ta’ twelid bin-numru 76/1954 tal-attur Lino Attard fis-sens li dan huwa magħruf bħala “Lino Attard Biancardi”;

3. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att taż-żwieġ tal-atturi Lino Attard u Joan Theuma, bin-numru 758/1982, fis-sens illi Carmel[1] Attard huwa magħruf bħala “Lino Attard Biancardi”;

[1] Isem mibdul b’digriet tat-28 ta’ Marzu 2011 biex jaqra ‘Lino’.

4. Tordna illi ssir annotazzjoni fl-att ta' twelid tal-attriċi Lorna Attard bin-numru 1250/1989, fis-sens illi din hija magħrufa bħala "Attard Biancardi", u kif ukoll li ssir annotazzjoni sabiex kull fejn jidher l-isem "Lino Attard" f'dan l-att ta' twelid, jiġu miżjuda l-kliem "magħruf bħala Attard Biancardi";

5. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' Jean Paul Attard, bin-numru 1276/1985, fis-sens illi dan huwa magħruf bħala "Jean Paul Attard Biancardi", u kif ukoll li ssir annotazzjoni sabiex kull fejn jidher l-isem "Lino Attard" f'dan l-att ta' twelid, jiġu miżjuda l-kliem "magħruf bħala Attard Biancardi";

6. Tordna illi ssir annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' Mark Anthony Attard, bin-numru 1156/1983, fis-sens illi dan huwa magħruf bħala "Mark Anthony Attard Biancardi", u kif ukoll li ssir annotazzjoni sabiex kull fejn jidher l-isem "Lino Attard" f'dan l-att ta' twelid jiġu miżjuda l-kliem "magħruf bħala Attard Biancardi";

7. Tordna illi ssir annotazzjoni fl-att ta' żwieġ ta' Mark Anthony Attard u Pamela Gili, bin-numru 307/2009, fis-sens illi Mark Anthony Attard huwa magħruf bħala "Mark Anthony Attard Biancardi", u kif ukoll li ssir annotazzjoni sabiex kull fejn jidher l-isem "Lino Attard" f'dan l-att ta' żwieġ, jiġu miżjuda l-kliem "magħruf bħala Attard Biancardi", u kif ukoll tordna li ssir annotazzjoni sabiex kull fejn jidher l-isem "Joan Attard" fuq dan l-att ta' żwieġ, jiġu miżjuda l-kliem "magħruf bħala Attard Biancardi";

8. Tordna wkoll illi dan l-annotazzjonijiet isiru mill-konvenut ukoll fuq kull att tal-istat ċivili kull fejn huwa meħtieġ, u dan previa kull previa kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra li lilha jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti hemm mehmuża, għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għal premess fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti huwa evidenti li hemm *lapsus calami* għaliex fejn hemm indikat isem *"Carmel"* dan suppost kellu jidher bħala *"Lino*". Għalhekk f'qagħda bħala din l-esponent kordjalment jissolleċita lir-rikorrenti biex jitolbu għad-debita korrezzjoni skont kif provdut fl-Artikolu 175 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-tmien talba tar-rikorrenti in kwantu tirreferi għall-att tal-istat ċivili oħra apparti l-att tat-twelid numru 76/1954, l-att taż-żwieġ numru 758/1982, l-att ta' twelid nurmu 1250/1989, l-attta' twelid bin-numru 1276/1985, l-att ta' twelid bin-numru 1156/1983 u l-att taż-żwieġ numru 307/2009 hija insostenibbli *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sakemm ir-rikorrenti ma jispeċifikawx in-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li għalihom qed jagħmlu riferenza;

5. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-ikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2011 fejn wara li ġiet milqugħa t-talba għall-korrezzjoni fl-att promotur, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili kif ukoll l-Artikolu 92(2) tal-Kodiċi Ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attur minn dejjem kienet magħruf bil-kunjom Attard Biancardi; dan tal-aħħar huwa kunjom xbubit ommu. Differentement minn kawżi oħra fejn it-talbiet attriċi ma ġewx akkolti, hemm allura ness viċin biżżejjed mal-attur biex ikollu d-dritt iżid dan il-kunjom ma' kunjom missieru. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u ma allura għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------